# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum, 28 ta' Jannar, 2020**

Appell numru 428 tal-2018

**Il-Pulizija**
**vs**
**Edward SPALDING**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-20 ta'Novembru, 2018 fil-konfront ta' Edward SPALDINA, karta tal-identità bin-numru 66586 M li ġie mixli:

   Talli minn nhar is-16 ta' Novembru 2015 u fix-xhur ta' wara ġewwa l-fond 40, St. Tarcisio, Flat 1, Triq l-Għabex, San Pawl il-Baħar approprja ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li ġiet fdata jew ikkunsinjata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant, stqarret is-segwenti:

Rat id-dokumenti esebiti;

Semgħet lix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet it-trattazzjoni;

**Ikkunsidrat:**

Mix-xhieda jirriżulta illi Ġiuseppe Testa huwa propretarju tal-fond 40, St. Tarcisio, Flat 1, Triq l-Għabex, San Pawl il-Baħar, liema flat kien krih lill-imputat u lil martu Agnieska Spalding għall-ħabta tal-bidu tas-sena 2015. Madankollu l-istess Spalding naqas li jħallas ir-rata ta' Diċembru 2015 u ta' Jannar 2016 u meta n-neputija ta' Vella, ċertu Corinne Ġalea, marret fil-fond in kwistjoni ħadd ma fetaħ u għalhekk hija fetħet il-bieb tal-appartament u sabet diversi mobbli neqsin mill-appartament. Corinne Galea spjegat illi minn tfittxija fuq l-*internet* skopriet illi ħafna mill-għamara nieqsa kienet qiegħda tiġi riklamata għall-bejgħ fuq il-paġna ta' *Facebook* tal-grupp "Min Ipartat u Min Ibiegħ" minn mart l-imputat.

Illi mir-rapport tal-inċident jirriżulta illi wara li l-imputat ingħata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat, liema dritt huwa għazel li ma jeżerċitax, huwa ddikjara li Testa kien qallu li kien se jwaqqa' l-binja u li dak li kien hemm fl-appartament kien kollox tagħhom u għalħekk huwa beda jbiegħ l-affarijiet stante li ma kellux flus. Huwa qal ukoll li kien ħu li talab lil martu tippowstja sabiex ibiegħ l-affarijiet minn fuq Facebook.

**Ikkunsidrat:**

Illi mix-xhieda prodotti u mir-rapport tal-Pulizija jidher biċ-ċar illi l-imputat approprja ruħu mill-mobbli li kien hemm fil-flat mikri lilu minn Testa u pprova jbiegħhom tramite l-paġna ta' *Facebook* "Min Ipartat u Min Ibiegħ."

Illi fir-rigward tal-valur tal-istess oġġetti Corinne Galea eżebiet inventarju tal-affarijiet kollha li nstabu nieqsa li skont l-istima tagħhom jammontaw għal disat elef, tliet mija u ħamsin ewro (€9,350). Madankollu il-Qorti se tieħu in konsiderazzjoni li dawn l-oġġetti ma kinux ġodda fjamanti u għalhekk filwaqt li se tordna lill-imputat iħallas id-danni sofferti minn Ġiuseppe Testa, ħa tirriduci l-istess ammont.

Kien għal dawn il-motivi li wara li rat artikolu 293 tal-Kodici Kriminali il-Qorti ddikjarat lill-imputat **Edward SPALDING** ħati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u kkundannatu għal erba' (4) xhur prigunerija u ai termini tal-artikolu 532A tal-Kodici Kriminali ordnatlu jħallas lil Giuseppe Testa s-somma ta' sitt elef ewro (€6,000) fi żmien sitt (6) xhur.

3. Illi minn din is-sentenza Edward SPALDING interpona appell permezz ta' rikors datat 5 ta' Diċembru, 2018 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti jogħġobha:

1. **Tħassar u tirrevoka** s-senetenza fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih u minflok **tillibera** lill-appellant mill-imputazzjonijiet, ħtija u piena;

2. F'kull każ u sussidjarjament, **tirriforma** l-parti tas-sentenza konċernanti l-piena inflitta fil-konfront tal-appellant u minnflok tinfliġġi piena aktar idonea skont iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ;

Dan taħt dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidrilh ali huma xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi.

Dan wara li saħaq is-segwenti: -

**Apprezzament tal-Provi Prodotti**

1. Illi dan il-każ jirrevolvi madwar numru t'oġġetti li kienu jinsabu fl-appartament mikri lill-appellant u li allegatament ġew mibjugħa minnhu. Mill-provi prodotti rriżulta illi wħud mill-oġġetti in kwistjoni inbiegħu *tramite* l-profil ta' *Facebook* li jġib l-isem ta' 'Agnieska Spalding-Krawczynska' fuq il-paġna ta' *Facebook* li ġġib l-isem ta' 'Min Ipartat u Min Ibiegħ'. *In oltre*, ġie allegat illi l-profil ta' Facebook imsemmi huwa ta' mart l-appellant;

2. Illi in kwantu l-profil ta' Facebook bl-isem ta' 'Agnieska Spalding-Krawczynska', il-prosekuzzjoni naqset milli ttella' l-provi neċessarji sabiex

jiġi aċċertat illi l-profil imsemmi huwa fil-fatt dak ta' mart l-akkużat, u ċioe li t-tali profil kien ġenwin. *In oltre*, dan seta' faċilment jiġi ppruvat billi jiġi ppreżentat konferma tal-*IP address* minn fejn oriġinaw it-tali reklami *tramite* l-profil li jġib l-isem ta' 'Agnieska Spalding-Krawczynska'. Għalhekk in-nuqqas li jiġi kkonfermat dan il-fatt żgur ma jilħaqx l-oneru tal-prova rikjest fil-kamp kriminali u ċioe li l-fatti jiġu ppruvati lil hinn mid-dubju detatt mir-raġuni. *In oltre*, anke li kieku t-tali profil ġie kkonfermat illi huwa fil-fatt ta' mart Edward Spalding, dan bl-ebda mod ma jimplika lil Spalding iżda *se mai* jimplika lill-martu;

3. Illi f'diversi provi prodotti, fosthom l-affidavit ta' WPS G. Gatt, r-rapport tal-pulizija bin-numru ta' riferenza NPS 9/V/330/2016 kif ukoll mix-xhieda ta' Giuseppe Testa nnifshu joħroġ biċ-ċar illi ma tfassal l-ebda inventarju tal-oġġetti illi kienu jinsabu fl-appartament mikri lil Spalding qabel huwa ma beda l-kirja tiegħu. L-imsemmi inventarju li ġie ppreżentat lill-Ewwel Onorabbli Qorti sar minn neputija ta' Giuseppe Testa, u ċioe Corinne Galea, minn sett ta' ritratti illi ġew meħuda qabel ma' Edward Spalding beda l-kirja tiegħu;

4. Għalhekk l-appellant umilment jirrileva illi l-prosekuzzjoni naqset milli tippreżenta t-tali r-ritratti, li ġialadarba ntużaw sabiex il-kwerelanti jaslu għall-inventarju preżentat lill-Ewwel Onorabbli Qorti, żgur li ma kienx ikun hemm problema sabiex jiġu ppreżentati flimkien mal-inventarju sabiex dan ikun sustanzjat u b'hekk kien isevi ta' prova ċara lill-Ewwel Onorabbli Qorti kif Corinne Galea waslet għall-inventarju ppreżentat u b'hekk jiġi eliminat jelimina kull dubju dwar il-lista tal-inventarju hawn kontestata;

5. Illi *in oltre*, l-oġġetti formanti l-inventarju ppreżentat lill-Ewwel Onorabbli Qorti ingħataw il-valur rispettiv tagħhom, fejn skont ix-xhieda moghtija minn Corinne Galea nfisha, hija waslet għalihom permezz ta' xi rċevuti illi hija kellha. Barra minn hekk, teżisti diskrepanza bejn il-valur totali tal-oġġetti nieqsa mogħti minn Giuseppe Testa li kien dak ta' madwar tlett elef ewro (EUR 3,000) u dak mogħti minn Corinne Galea u ċioe dak ta' disat elef tlett mija u ħamsin ewro (EUR 9,350);

6. Ghalhekk ġialadarba Corinne Galea waslet għal wħud mill-valuri permezz ta' rċevuti, dawn kellhom jiġu wkoll ippreżentati lill-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex jikkorraboraw l-ammonti tal-oġġetti illi kien hemm irċevuta għalihom. In kwantu għaż-żewġ valuri mogħtija miż-żewġ xhieda prinċipali, l-Ewwel Onorabbli Qorti bħal donnha straħet fuq in-numru t'oġġetti u l-valuri mogħtija minn Giuseppe Testa u Corinne Galea mingħajr ebda prova li tissustanzjhom u ddeċidiet illi tassenja l-medja ta' dawn iż-żewġ valuri, u ċioe l-medja ta' bejn it-tlett elef ewro (EUR 3,000) u disat elef tlett mija u ħamsin ewro (EUR 9,350), minflok talbet illi jiġu stabbiliti prezzijiet vero simili jew, meta possibli, dawk reali;

7. Illi għall-fatti speċje ta' dan il-każ, kemm ir-ritratti kif ukoll l-irċevuti kienu jilgħabu parti vitali sabiex mhux talli jiġi aċċertat in-numru t'oġġetti nieqsa iżda anke l-valur tal-oġġetti in kwistjoni, provi li kienu jħallu ftit li xejn dubju fuq in-numru tal-oġġetti u l-valur rispettiv tagħhom. *In oltre*, Qorti Kriminali tesiġi illi jkollha quddiemha l-aħjar prova possibbli, karatteristika illi żgur kienet nieqsa fil-każ odjern għaliex l-aħjar provi f'idejn il-prosekuzzjoni sabiex jiġu eliminati d-dubji fuq in-numru t'oġġetti u l-valur tagħhom permezz tat-tali ritratti u rċevuti, ghalkemm kienu għad-disponnibilta' tagħhom, naqsu milli jiġu ppreżentati lill-Ewwel Onorabbli Qorti u huwa propju għalhekk li qiegħed jiġi ritenut illi l-istess Onorabbli Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi għaliex huwa ferm faċli illi wieħed jaqbad u jħejji lista t'oġġetti u jagħtihom valur skont kif jidhirlu hu, pero' hemm differenza bejn il-valur li wieħed jaħseb li oġġett għandu u l-valur reali tal-istess oġġett. *Se mai*, fir-rigward ta' dan, kellhu jitqabbad evalwatur għaliex la Giuseppe Testa u wisq u anqas in-neputija tiegħu Corinne Galea ma huma evalwaturi t'oġġetti li kienu jinsabu fl-appartament;

**Apprezzament tal-Liġi**

8. Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-Liġi meta din l-istess Qorti ordnat lill-esponent sabiex iħallas lil Giuseppe Testa s-somma ta' sitt elef ewro (EUR 6,000) ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kap. 466 tal-Liġijiet ta' Malta;

9. Bir-rispett jingħad illi a bażi tal-prinċipju *ubi lex voluit dixit*, l-Ewwel Onorabbli Qorti qatt ma setgħet legalment timponi fuq l-esponent il-ħlas tas-somma msemmija, stante li l-artikolu supra ċitat huwa applikabbli biss meta l-Ewwel Qorti tkun trattat mal-ħati permezz ta' ordni ta' *probation*, ordni ta' servizz fil-kommunita', ordni ta' *probation* u servizz, ordni għal-liberazzjoni kundizzjonata jew meta tillibera lil xi ħati għal kollox. Fil-każ odjern l-Ewwel Onorabbli Qorti mponiet fuq l-esponent il-piena ta' priġunerija effettiva;

10.Illi għandu jingħad ukoll illi ġialadarba jidher ċar, u dan anke mid-*dicturi obiter* tal-Ewwel Onorabbli Qorti, li l-ammont mertu tal-kawża m'huwiex ċert, likwidu u dovut u għalhekk l-esponent jissottometti bir-rispett li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħetx tagħmel it-tali ordni. Meta l-ammont tad-danni m'huwiex ċert, likwidu u dovut, u jidher ċar li hemm kontestazzjoni fuq l-ammont, bħal ma huwa fil-każ odjern, huwa ferm odjuż li Qorti timponi rifużjoni ta' danni, u dana skont il-ġurisprudenza in materja;

11.L-għerf tal-ġurisprudenza jemerġi sabiex ikun applikat l-Artikolu 3(3) tal-Kodiċi Kriminali, sabiex b'hekk Qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali ma tiġix vestita minn xi parti jew ohra f'dawk il-proċeduri b'kompetenzi ta' Qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili. Fin-nuqqas jkunu qiegħdin jiġu erogati lil dik il-Qorti poteri li m'humiex vestiti lilha mil-liġi u li dawk il-proċeduri penali jkunu qiegħdin jiġu stultifikati inutilment. Għandu jiġi msemmi kif f'każ li Qorti penali tidħol fil-meritu *in fondo*, ta' x'jammonta għal danni u x'm'huwiex, il-ħati jbati preġudizzju rreparabbli, li mhux ser jkollhu triq sabiex jressaq l-ilment ta' natura ċivili tiegħu quddiem Qorti kompetenti, iżda li l-uniku triq li huwa jifdallu huwa proprju li jgħabbi lill dina l-Onorabbli Qorti b'vesti ta' Qorti ta' l-Appell Ċivili, u bħal ma jkun ġara quddiem l- Ewwel Qorti ta' ġurisdizjoni penali, tkun din il-Qorti wkoll li qed tiġi mitluba sabiex teżerċita` poteri li m'humiex fil-kompetenza tagħha;

**Piena Erogata**

12.Illi l-piena erogata f'dan il-każ hija eċċessiva u ma tirriflettix il-gravita' ta' dan ir-reat. *In oltre*, l-Ewwel Qorti żgur li kellha alternattivi oħra aktar xierqa, speċjlament meta tikkunsidra n-nuqqas ta' provi fil-każ odjern;

13.L-esponent bir-rispett jikkontendi li l-Ewwel Onorabbli Qorti filwaqt li saħqet fuq is-serjeta` tal-każ odjern ma tatx l-importanza mistħoqqa lill-aspett riformattiv tal-esponenti. L-interess pubbliku fil-kawża odjerna m'huwiex limitat biss għal fatt li min kiser il-liġi jpatti għal għemilu, iżda wkoll li l-istess danni sofferti jkunu mħallsa lura. Meta wieħed iqis li l-esponent fil-preżent jinsab f'sitwazzjoni finanzjarja prekarja u r-responsabbilta' li għandu bħala missier sabiex imantni lil bintu, jekk huwa jingħata piena karċerarja, filwaqt illi jkun aktar diffiċili sabiex huwa jsib impjieg wara li jkun skonta piena ta' priġunerija effettiva, b'sogru illi jekk jagħti l-każ illi din l-Onorabbli Qorti ssib illi Giuseppe Testa għandu jiġi kkumpensat, mhux talli ma jkunx f'sitwazzjoni illi jagħti kumpens, iżda l-familja tiegħu tispiċċa wkoll piż fuq is-socjeta' Maltija. Għalhekk il-piena nflitta, kemm fil-kwalita' tagħha, u sussidjarjament u mingħajr preġudizzju, fil-kwantita', ma toħloqx bilanċ bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant aċċennat u aċċettat, fil-kunċett ta' ġustizzja kriminali fiż-żminijiet tal-llum;

14.L-esponenti umilment jagħmel riferenza għas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet, "Il-Pulizija vs John Farrugia" deċiża 15.nhar il-25 t' April 2006, fejn il-piena ta' priġunerija ta' sentejn u nofs inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti ġiet revokata għal ordni ta' servizz fil-komunita' a tenur tal-Artikolu 11 tal-Kap. 446. L-umli esponenti jirrileva li permezz tal-piena ta' priġunerija ta' erba' (4) xhur imposta fuqu mill-Ewwel Onorabbli Qorti, l-aspett riformattiv ma ġiex aċċennat, anzi l-

esponenti jħoss li l-piena ta' priġunerija li ġiet imposta fuqu aktarx tkun kontro-produttiva f'dan il-każ;

16.Fil-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizja vs Carmen Buttler", deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-26 ta' Frar 2009, il-Qorti kkristalizzat propju dan il-prinċipju, u ċioe illi Qorti t' Appell ma tiddisturbax il-piena erogata minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, sakemm ma jiġix manifestament ippruvat illi l-Ewwel Qorti tkun naqset milli tat importanza lil xi aspett jew ċirkostanza partikolari tal-każ, bħal fil-każ in diżamina;

17.F'dan l-istadju, ssir referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Charlot Aquilina", deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati fis-7 ta' Novembru 2008. Fis-sentenza preċitata l-Qorti saħqet fuq il-bżonn illi persuna għandha tingħata ċans iehor fil-ħajja tagħha, la darba turi ċar illi hemm ir-rieda ta' bidla;

18.Il-ġurisprudenza ta' din l-Onorabbli Qorti permezz tas-sentenzi "Il-Pulizija vs Rimar Hatherly u Justin Farrugia" u fl-ismijiet "Il-Pulizija vs George Farrugia", kompliet sabiex ikkristallizat aktar dan il-punt.

19.L-esponenti jikkontendi, li fil-każ tiegħu, l-hekk imsejha *window of opportunity*, sabiex jagħmel tajjeb għal għemilu, m'għandhiex tingħalaq minn Qorti u dana fl-aħjar interess pubbliku suprem u għalhekk jekk din l-Onorabbli Qorti ssib ħtija, għandu jinstab bilanċ bejn l-akkużat, il-vittma u s-soċjeta' nfisha fejn jekk tinstab ħtija, l-akkużat għandu jieħu l-piena idoneja mistħoqqa lilu, il-vittma tiġi kkumpensata għal dak li veru ħaqqha filwaqt illi l-interessi tas-soċjeta' fl-intjier tagħha jkunu salvagwardjati.

***Ikkunsidrat :-***

4. Illi nhar it-22 ta' Jannar 2016, Corinne Galea, irrapurtat f'isimha u f'isem nannuha ta' 81 sena, Giuseppe Testa, ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tal-Qawra illi persuna kienet biegħet l-effetti ġewwa l-apartament mikri minn Testa lill-appellant mingħajr il-kunsens tiegħu. Skond l-istħarriġ magħmul, Testa kien kera l-appartament bl-indirizz 40, St. Tarcisio Flat 1, Triq il-Għabex, San Pawl il-Baħar, lill-appellant u lil martu Agnieska Spalding madwar sena qabel il-kwerela. Sal-aħħar ta' Novembru 2015 il-kirja kienet inġabret u

kollox kien sew fl-appartament. Madankollu Spalding ma kienx ħallas il-kirja ta' Diċembru kif ukoll ta' Jannar 2016.

5. Huma għamlu diversi tenattivi sabiex jikkonmunikaw ma Spalding iżda dan kien kollu għal xejn. Dakinhar stess tar-rapport, il-kwerelanta kienet marret fl-apartament in kwistjoni fejn madankollu Spalding ma wiġibhiex u kif ħabtet il-bieb ħadd ma fetħilha. Żiedet tgħid li kif daħlet fil-kurrudur tal-blokka tal-fond in kwistjoni trawmilha suspett li ma kienx kollox sew peress illi ma kienx nadif bħal mas-soltu kien ikun. B'hekk daħlet fl-appartament in kwisjtoni fejn kif daħħlet innutat li kien kompletament vojt bis-*sockets* tal-elettriku b'kollox. Il-kwerelanta pprovdiet ukoll ritratti tal-appartament mgħammar bl-għamara qabel inkera lill-appellant.

6. Inoltre l-istess kwerelanta kienet għamlet riċerka fuq il-medja soċjali fejn irriżultalha illi l-għamara li kienet f'dak l-appartament kienet qed tiġi mibjugħa fuq is-sit '*Min ipartat u min ibiegħ*' u dan kien ġie *posted* minn mart Spalding. Il-Pulizija ippruvaw jikkomunikaw kemm ma Edward Spalding u ma martu. Ġiet mitkellma wkoll oħt l-appellant, Theresa Borg, li ddikjarat illi nhar it-22 ta' Diċembru 2015 l-appellant u martu kienu telqu minn Malta lejn l-Ingilterra u li ma kienet taf xejn aktar dwar fejn setgħu marru peress illi ma kienux jingwalawha.

7. Sussegwentement il-Pulizija tkellmu wkoll mal-appellant. Is-Surġent WPS264 Gatt xehdet li hija kienet kelmet personalment lill-appellant u li kienet tagħtu d-drittijiet tiegħu li jkellem avukat iżda

l-appellant kien irrifjuta li jikkonsulta ma avukat u kien iffirmalha d-dikjarazzjoni tar-rifjut tal-assistenza legali. Is-Surġent Gatt irrapurtat li l-appellant saħaq magħha li kera l-appartament in kwisjtoni mingħand Testa u li wara xi żmien Testa kien biegħ il-blokka kollha, inkluż l-appartament mikri lil Spalding, fejn talbu li kellhom joħorġu mill-appartament biex isir ix-xogħol ta' kostruzzjoni matul liema żmien kien ser isibilhom post alternattiv. Madwar xahrejn wara Testa kien qal lil Spalding li hemmhekk kien sar kollox tagħhom peress li kienu ser iwaqqgħu u jibnu. B'hekk Spalding beda jbiegħ l-affarijiet li kien hemm fl-appartament u dan peress illi ma kellux flus, biex bihom ifittex appartament ieħor. WPS Gatt irrapurtat li l-appellant stqarr magħha li huwa biegħ il-*wall unit* għall-prezz ta' €100 u l-*fridge* għall-prezz ta' €45 filwaqt li ħalla l-kumplament tal-għamara hemmhekk.

8. Il-Pulizija kelmu wkoll lil mart l-appellant - Agnieska Spalding. Din ingħatat id-drittijiet li tkellem avukat iżda rrifjutat li tikkonsulta ma avukat u ffirmat id-dikjarazzjoni tar-rifjut tal-assistenza legali. Mart l-appellant stqarret mas-Surġent Gatt li hi ma kellha xejn x'taqsam ma din l-għamara, iżda kienet ippostjat fuq *Facebook* l-oġġetti in kwistjoni fuq struzzjoni ta' żewġha peress illi hu ma kienx jaf juża l-*Facebook*. Hi taf bil-bejgħ ta' żewġ oġġetti u li kienu ser ibiegħu mejda tal-injam ukoll iżda li fl-aħħar ma biegħuhiex.

9. Konsegwentement inħarġu l-akkużi relattivi kontra l-appellant.

***Ikkunsidrat :-***

10.Illi l-appellant ġie mixli bir-reat t'appropjazzjoni indebita li huwa regolat mill-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali kif ġej:

> 293. Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:
>
> Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.

11.L-elementi tar-reat disamina ġew spjegati hekk : -

> L-element partikolari tar-reat ta' approprjazzjoni indebita mhuwiex l-uzu ta' l-ingann da parti ta' l-agent biex jottjeni l-oggett, izda l-inversjoni tat-titolu tal-pussess tal-haga li l-agent ikun ottjena minghand is-suggett passiv bil-libera volonta' ta' dan. Fl-approprjazzjoni indebita ma jezisti ebda element ta' frodi fis-sens li fl-approprjazzjoni indebita m'hemmx l-element ta' fiducja li essenzjalment jiffacilita tali reat.[1]

12.In oltre fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. John Gauci,*** ġie kkunsidrat is-segwenti:

> Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "... taht titolu illi jgib miegħu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsejatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata

[1] Ara ***Il-Pulizija vs. Joseph Muscat***, deċiża mill-Imħallef Victor Caruana Colombo, Qorti tal-Appell Kriminali, nhar it-3 ta' Marzu 1997.

> mill-konsenjatur u prova ta' jekk l-agent ikunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers'.[2]

13. Di piu', fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Giuseppa Cauchi*** intqal is-segwenti:

> Il-fatt li wiehed jiehu flus minn ghand iehor taparsi biex jislifhom lin-nies, imma fil-fatt izommhom ghalih u ma jroddhomx lil min tahomlu, jammonta ghal approprjazzjoni indebita. Ghad-delitt ta' approprjazzjoni indebita jehtieg li l-hati jkun ghamel mill-haga lilu fdata "konversjoni"; u hemm konversjoni, "inter alia", meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat, u minflok hu jikkonvertiha ghal beneficcju tieghu stess, jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghall-pattijiet stipulati in bwona fede. Xejn ma jiswa biex ihassar dan ir-reat il-fatt li l-persuna danneggjata tkun hadet proceduri civili biex tigbor flusha; ghax l-azzjoni civili hija indipendenti mill-azzjoni kriminali'.[3]

14. Fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Anthony Mary Bajada*** l-Qorti ddikjarat illi :

> Id-delitt ta' approprjazzjoni ndebita jigi konsumat malli dak li jkun jaghmel atti ta' dominju fuq il-haga bil-volonta' li jezercita dominju fuqha; u dan ikun pruvat meta c-cirkustanzi u l-atti jkunu verament tali li univokament juru l-intenzjoni ta' l-approprjazzjoni, billi fihom infushom m'humiex kompatibili mal-kawza u t-titolu tieghu tad-detenzjoni ta' dik il-haga.[4]

15. Kwindi l-Prosekuzzjoni trid tipprova li s-suġġett attiv ikun aġixxa bl-intenzjoni li minflok jonora l-pattijiet li jkunu ġew miftehmin in *buona fede* mal-vittma li jrodd lura l-ħaġa li tkun ġiet fdata lilu mill-vittma, huwa jikkonverti a benefiċċju tiegħu innifsu jew għal ħaddieħor dik il-ħaġa li hu jkun ġie fdat biha. Id-dewmien għar-restituzzjoni tal-flus jew tal-oġġett fdat ma jwassalx neċessarjament għar-reat t'appropjazzjoni indebita, dment li tali dewmien ma jkunx ukoll akkumpanjat mill-element formali tal-konverzjoni u tal-

---

[2] Imħallef Victor Caruana Colombo, Qorti tal-Appell Kriminali, deċiża nhar l-14 ta' Frar 1997.
[3] Imħallef William Harding, Qorti Kriminali, deċiża nhar il-21 ta' Novembru 1953.
[4] Imħallef A. J. Montanaro Gauci, Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri, deċiża fl-1 ta' Marzu 1952.

utilita' ta' din il-konverzjoni favur min qed jagħmilha jew favur ħaddieħor kontra l-ftehim oriġinarjament pattwit. Din l-eventwalita ġeneralment tirrisolvi ruħha fi kwistjoni ta' natura ċivili.[5]

***Ikkunsidrat : -***

16. Illi l-appellant jisħaq illi l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx issibu ħati t'appropjazzjoni indebita peress illi l-provi miġjuba ma kienux suffiċjenti li jwasslu għall-ħtija lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni. L-appellant jgħid ukoll illi l-Qorti tal-Maġistrati kienet żbaljata meta ordnat il-ħlas ta' kumpens fis-somma ta' sitt elef (€6000) maħruġ skont l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta peress li l-appellant ma ġiex ittrattat taħt dik il-liġi, kif ukoll minħabba li l-valur ma kienx wieħed inkontestat. Finalment l-appellant jisħaq ukoll illi l-piena karċerarja kif imposta fuqu kienet

[5] Ara l-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Herbart Cassar*** deċiża mill-Imħallef Michael Mallia nhar is-17 ta' Marzu 2012 fejn fost il-kunsiderazzjonijiet magħmula ġie kkwotat il-Majno kif ġej:

> l'elemento materiale del delitto in esame consiste nell'appropriarsi la cosa, convertendola in profitto di se o di un terzo." Ikompli jghid "la dupplice formola dell'appropriazione e della conversione, quale fu mantenuta ed espresso nell'articolo 417, chiarisce il concetto dell'appropriazione, specificando che questa si compie colla conversione della cosa altrui a profitto proprio o di terzo." Maino jirriferi ghall-awtur Carrara "la criminosita' incomincia soltanto quando colui inverte la "causa possidendi", e per arbitrio suo sostituisce la "causa dominii" (illegittima, perche contro la volonta' del padrone) alla causa precedente che era legittima perche non dissentita........ Abbiasi dunque come regola assoluta che quando si e' usato della cosa senza invertire la causa del possesso e cioe' se ne e' usato secondo la destinazione per la quale era stata consegnata dal proprietario, mai si avra' appropriazione indebita". Il-gurista Maino jkompli jghid "al trove lo stesso autore( "il Carrara") aveva esposto ed esemplificato codesto concetto, dicendo che l'eccedere, nel modo o nel tempo, lo stesso uso per quale la cosa era stata consegnata costituisce solo un titolo di indemnita' contrattuale ....... F'paragrafu 1953 tat-trattat fuq imsemmi l-Maino jghid "il dolo sara' costituito della volontarieta' della conversione con scienza della sua illegittimita'............ il dolo speciale nel reato di appropriazione indebito e' (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, della violazione del contratto, dall'inadempiento della obbligazione.

Ara wkoll fost oħrajn is-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Dr. Sigfried Borg Cole,*** deċiża nhar it-23 ta' Diċembru 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali u ppreseduta mill-Imħallef Vincent Degaetano fejn ġie ttrattat l-istess mertu.

waħda eċċessiva u li f'ebda mod ma toħloq il-bilanċ mixtieq bejn l-aspett riformattiv u dak rijabilittativ.

17. Illi jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati straħet ħafna fuq il-verżjonijiet mogħtija minn Giuseppe Testa u neputija tiegħu Corinne Galea. Il-provi dwar l-oġġetti kollha li ġew indebitament approprijati jistrieħu prinċipalment fuq id-deposizzjoni ta' dawn iż-żewġt xiehda li kkorroboraw lil xulxin, inkluż billi ġew eżebiti xi ritratti ta' xi wħud mill-oġġetti minn fuq is-sit tal-*Facebook*, u r-ritratti tal-appartament wara li din ġiet allegatament żvojtat mill-appellant, nonche l-inventarju redatt minn Corinne Galea wara l-każ.

18. Biss minbarra dawn il-Qorti tal-Maġistrati kellha wkoll għad-disposizzjoni tagħha l-affidavit tas-Surġent Galea dwar l-investigazzjoni li kkonduċiet fuq dan il-każ. Din is-Surġent irrapurtat li meta l-appellant ġie mitkellem wara li ingħatawlu d-drittijiet tiegħu, huwa ma nnegax li kien filfatt biegħ uħud minn dawn l-oġġetti – għalkemm l-appellant ġie rapurtat li stqarr li kien Giuseppe Testa li qallu li l-kontenut tal-appartament kien sar tiegħu. Biss din l-asserzjoni ma ġietx korroborata mix-xiehda ta' Testa u neputietu.

19. Il-Qorti tal-Maġistrati għalhekk kellha l-istqarrija tal-appellant, debitament kawzjonat, mogħtija lis-Surġent fejn huwa mhux biss irrikonoxxa li l-oġġetti mobbli appartenenti lil Testa kienu fil-fond mikri minnu, iżda wkoll li huwa approprja ruħu minn uħud minnhom billi biegħ *wall unit* u *fridge* – għalkemm qal li għamel dan

għax skontu Testa qallu li *issa aw kollox taghkom.* Biss dan ġie kontradett mill-provi l-oħra. L-aspett dwar il-valur tal-oġġetti in kwistjoni huwa marġinali relattivament għar-responsabbilta' o meno tal-kommissjoni tar-reat de quo. Il-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għal sejbien ta' ħtija għal dan ir-reat indipendentement mill-valur tal-oġġetti in kwistjoni. Il-valur jakkwista importanza għall-fini tal-applikazzjoni tal-*quantum* tal-piena fil-każ ta' sejbien ta' ħtija ai termini tal-artikolu 310 tal-Kodiċi Kriminali.

20. M'hemmx dubbju li l-appellant kien qed jikri l-fond mingħand Giuseppe Testa li fdalu wkoll l-għamara kollha fih bil-patt li jiġu rispettati l-kundizzjonijiet tal-kirja, li normalment fi tmiem il-kirja l-inkwilin joħroġ mill-fond u jħalli warajh l-effetti mobbli li jkunu jinsabu fil-fond mikri lilu formanti parti mill-lokazzjoni. Għalkemm Testa kien biegħ l-appartament in kwistjoni, huwa ma kien ta lil ħadd xi kunsens jew awtorizazzjoni sabiex l-għamara ta' ġewwa l-appartament tinbiegħ. Minkejja dan, din sussegwentement ġiet imqegħda għall-bejgħ fuq is-sit tal-*Facebook* bl-isem '*Min Ipartat u Min Ibiegħ*' reklamata minn mart l-appellant.[6]

21. Madankollu mhux kontestat li l-appellant kellu aċċess liberu għall-appartament u li hu seta' bil-kumdita kollha jbattal l-għamara li kien hemm bit-tir li jiddisponi minnhom kif jixtieq u kif filfatt għamel. Spalding telaq minn Malta bla kliem u bla sliem u ma ħallasx il-kirja għax-xahar ta' Diċembru 2015. Hu qata' l-kuntatt b'mod ħeżrem ma Testa. Di piu' Testa jikkonferma xi uħud mill-

[6] L-istqarrija ta' mart l-appellant lill-Pulizija ma tistax tittieħed bħala prova fil-konfront tal-appellant.

oġġetti li kellu fl-apartament tiegħu mir-ritratti li ġew eżebiti fil-proċess. Hu kien il-persuna li għammar l-appartament in kwisjtoni fuq medda ta' snin. Hu kien ġieli abita fih bħala villeġjatura u b'hekk kien ben konxju tal-għamara li kien hemm fl-appartament.

22. Konsegwentement mill-kumpless tal-provi prodotti, il-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi illi l-appellant kien responsabbli għal dan ir-reat. L-ewwel aggravju ser jiġi miċħud.

***Ikkunsidrat :-***

23. Illi għal dak li jirrigwarda t-tieni aggravju, minkejja li ġie eżebit inventarju tal-oġġetti li kienu fl-appartament in kwistjoni, ma tresqitx prova ċerta relattiva għall-valur tal-oġġetti. Il-valuri stabbiliti minn Testa kienu approssimattivi; filwaqt li Corinne Galea, stqarret li ma kellhiex ir-riċevuti ta' kollox; u dawn ir-riċevuti li suppost kellha, qatt ma ġew eżebiti minnha.

24. L-appellant jisħaq li l-Qorti tal-Maġistrati ma imponietx piena taħt id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk ukoll il-Qorti ma setgħetx timponi ordni tal-ħlas ta' kumpens skond l-artikolu 24 tal-Kaptolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Biss l-artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali jinqara kif ġej:

> Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 24 tal-Att dwar il-Probation għar-rigward tas-setgħa li għandha l-qorti li tordna lill-ħati jħallas id-danni għandhom ukoll mutatis mutandis japplikaw kull meta jiġri li persuna tingħata sentenza wara li tkun instabet ħatja ta'delitt.

25. L-artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali jista' għalhekk jiġi applikat mill-Qorti indipendentement minn jekk il-ħati jkunx ġie kkundannat taħt l-Att dwar il-Probation. Imbagħad l-artikolu 24 tal-Att dwar il-Probation jinqara kif ġej:

> 24. (1) Meta Qorti tagħmel ordni ta' probation, ordni ta' servizz fil-komunità, ordni ta' probation u servizz, ordni għal liberazzjoni kondizzjonata jew meta tillibera lil xi ħati għal kollox tista', mingħajr preġudizzju għall-poter li għandha dwar l-ispejjeż taħt l-artikoli 380 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, tordna lill-ħati jħallas dawk id-danni għal xi feriment jew b'kumpens għal xi telfien hekk kif il-qorti jkun jidhrilha li jkun l-aktar raġonevoli.
>
> (1) Meta toħroġ ordni taħt is-subartikolu (1), il-Qorti tista' tordna li tali spejjeż jew danni jitħallsu bin-nifs, partikolarment, billi tikkunsidra kull obbligu li l-ħati għandu lejn il-vittma jew xi dipendenti tal-vittma.
>
> (2) Ordni għall-ħlas ta' danni jew kumpens kif hawn qabel imsemmi tista' tiġi infurzata bl-istess mod bħallikieku din kienet ingħatat f'azzjoni ċivili bejn il-ħati u l-persuna lil min id-danni jew il-kumpens jiġu ordnati li għandhom jitħallsu:
>
> Iżda ebda naħa f'dan l-artikolu m'għandha tidderoga mid-dritt ta' dik il-persuna li tkopri kull ammont ieħor li jifdal b'xi mezz ieħor mingħand il-ħati jew mingħand xi persuna oħra li tista' tkun responsabbli għall-istess ħlas.

26. Kwantu għall-ħlas tal-ispejjeż jew dwar il-valur tal-oġġett, meta dan ma jkunx ikkonfermat minn dokumenti awtentiċi, jew meta ma jkunx inħatar espert sabiex jivvaluta l-oġġetti mertu tal-każ, l-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Lorita Pace*** irritena s-segwenti :

> Illi dwar l-aggravju li ma saritx il-prova tal-valur tal-mobile Nokia 6600 in kwistjoni, Mario George Vella xehed li dan kien xtrah bil-prezz ta' Lm145 xi sitt xhur qabel. Issa kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-appelli Kriminali mill-Prim' Imhallef V. DeGaetano fil-kawza "Il-Pulizija vs. Joseph Cutajar" [23.9.2005], meta Qorti, bl-applikazzjoni ta' l-esperjenza ta' kull jum tal-gudikant, tkun tista' taghmel il-valutazzjoni taghha ta' l-ammont tal-hsara fis-sens li tistabilixxi jekk ikunx inqabez jew le xi benchmark partikolari stabilit mill-ligi, m' ghandux jitqabbad perit biex jaghmel stima tal-oggett jew oggetti in kwistjoni proprju ghax tali valutazzjoni ma tkunx "tinhtieg hila jew sengha specjali" [art. 650(1) ta' l-

imsemmi Kodici]. Dan ukoll ghaliex l-ispejjez ta' tali perizja u d-dewmien li din necessarjament iggib ikunu inutili w ghalhekk ingustifikati. Ghalhekk ladarba l-Ewwel Qorti kellha l-prova ta' kemm kien inxtara l-mobile proprju ftit taxxhur qabel, setghet legittimament tikkonkludi li l-valur ta' dal-mobile kien jaqbez dak ta' mitt lira skond l-artikolu 267. Ghalhekk dan l-aggravju ma hux gustifikat u qed jigi respint.[7]

27. Kwindi l-Qorti setgħet tasal għall-konklużjonijiet tagħha dwar il-valur tal-oġġetti mertu ta' dan il-każ anke fuq l-esperjenza tagħha stess, dejjem jekk ikollha biżżejjed għarfien dwar il-valur tal-oġġett. Issa f'dal-każ hemm żewġ valutazzjonijiet li ngħataw mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni. Giuseppe Testa ta' stima ta' tlett Elef Euro (€3000) - bażata fuq il-fatt li hu kien akkwista l-biċċa l-kbira tal-għamara żmien mhux ħażin qabel. Corinne Galea tagħti valutazzjoni fl-ammont globali ta' disat elef tliet mija u ħamsin euro (€9350) u din waslet għaliha, skontha, minn xi riċevuti ta' xi wħud mill-oġġetti, mingħajr pero ma dawn l-irċevuti ġew eżebiti. Dan apparti li fir-rigward ta' dak li tgħid li ma kellhiex riċevuti għalihom, hija kkaloklathom in bażi għall-'*going rates*' ta' l-istess.

28. Il-Qorti tal-Maġistrati waslet għall-valur ta' sitt elef euro (€6000) bħala l-ammont li għandu jiġi kkumpensat lill-vittma wara li ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li bil-mgħodija taż-żmien dawn l-oġġetti

---

[7] Deċiża nhar is-7 ta Diċembru 2006 mill-Imħallef Joseph Galea Debono. Ara wkoll ***Il-Pulizija vs. Joseph Cutajar*** kif debitament ikkwotat fejn din il-Qorti rriteniet is-segwenti:

> Meta qorti, bl-applikazzjoni tal-esperjenza ta' kulljum tal-gudikant, tkun tista' taghmel il-valutazzjoni taghha tal-ammont tal-hsara (jew tal-valur ta' l-oggett misruq) fis-sens li tistabilixxi jekk ikunx inqabez jew le xi benchmark partikolari stabbilit mill-ligi (ez. jekk hux aktar minn ghaxar liri, aktar minn hamsin lira jew aktar minn hames mitt lira – Art. 325(1), Kap. 9), m'ghandux jitqabbad perit biex jaghmel stima ta' l-oggett jew oggetti in kwistjoni proprju ghax tali valutazzjoni ma tkunx "tinhtieg hila jew sengha specjali" (Art. 650(1), Kap. 9): l-ispejjez ta' tali perizja u d-dewmien li din neccessarjament iggib ikunu inutili u ghalhekk ingustifikati. Fic-cirkostanzi tal-kaz de quo, din il-Qorti ma tara li hemm assolutament xejn li ghandha tbiddel fis-sentenza appellata ghal dak li jirrigwarda it-tieni imputazzjoni.

jiddeterjoraw u jitilfu mill-valur oriġinali tagħhom u wara li qieset il-valur mogħti minn Corinne Galea. Din il-Qorti tifhem illi kien ikun diffiċli li jinħatar espert sabiex jivvaluta l-oġġetti li naqsu, peress illi dawn l-oġġetti ma ġewx irkuprati, u b'hekk kien ser ikun diffiċli li ssir valutazzjoni sewwa biss mir-ritratti li ġew eżebiti.

29. Madankollu din il-Qorti hija wkoll tal-fehma illi fid-dawl tad-diskrepanzi bejn il-valutazzjonijiet tal-parte civile stess, kif ukoll il-mod kif l-inventarji ġie redatt nonche illi mhux magħruf, ħlief għal xi żewġ affarijiet, meta dawn ġew akkwistati mill-parte ċivile, f'dan il-każ, il-Qorti tal-Maġistrati kienet tinħtieġ aktar informazzjoni milli kellha sabiex tagħmel tagħmel valutazzjoni hi stess. Din il-Qorti hija tal-fehma illi filwaqt li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet liberament tapplika l-ħlas ta' kumpens ai termini tal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx serenament tasal għall-valutazzjoni li għamlet. Minħabba f'hekk din il-Qorti ma tqisx li tista' tasal li tikkonferma l-ordni ai termini tal-artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan pero mingħajr preġudizzju għall-vertenzi ċivili li jibqgħu impreġudikati.

***Ikkunsidrat :-***

30. Kwantu għall-aggravju relattiv għall-piena din il-Qorti tosserva li l-Qorti tal-Maġistrati ikkundannat lill-appellant għall-piena t'erba' xhur priġunerija. Il-piena minima għar-reat t'appropjazzjoni

indebita fiż-żmien mertu tal-każ, kienet tammonta għal tlett xhur priġunerija.[8] Kwindi l-Qorti tal-Maġistrati imponiet piena viċin ħafna tal-minimu tal-piena karċerarja in kwistjoni.

31. Di piu' l-fedina penali tal-appellant turi ċar li huwa xellef difrejħ mal-Ġustizzja diversi drabi fejn instab ħati kemm ta' reati ta' serq kif ukoll ta' riċetazzjoni, apparti reati kontra l-Ordinanza tad-Droga. Jirriżulta wkoll li l-Qrati taw diversi opportunitajiet lil Spalding li jirriforma ruħu, meta ingħata kemm termini ta' Probation kif ukoll Sentenza sospizi. Dan jidher li kien għalxejn.

32. Il-Prosekuzzjoni m'akkużatx lill-appellant bl-addebitu ta' reċidiva f'dan il-każ u lanqas m'akkużatu bil-ksur ta' Ordni ta' Probation jew Sentenza Sospiza kif jidher illi setgħet tagħmel minn dak li jirriżulta mill-fedina tal-appellant! Madankollu skond l-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Josef Abela***, f'każ li l-appellant ma kienx mixli bl-addebitu tar-reċidiva, iżda dan l-addebitu kien jirriżulta mill-fedina penali eżeibita, jingħad segwenti:

> Illi huwa dmir impellenti ta' kull Qorti ta' ġurisdizzjoni penali li, qabel ma teroga xi piena jew tapplika xi provvediment alternattiv bhal sentenza sospiza, ordni ta' probation, liberazzjoni kondizzjonata, eccetera, tezamina sew il-fedina penali tal-hati biex tkun tista' tikkalibra l-piena skond ic-cirkostanzi w proprju tivverifika jekk xi provvediment li jkollha f' mohha li taghmel ikunx prekluz minn xi dispozizzjoni tal-ligi. Ma jidhirx li dan sar mill-Ewwel Qorti f' dan il-kaz ghax kieku din kienet tinduna mill-ewwel li kienet prekluza milli taghti sentenza ta' prigunerija sospiza.[9]

33. Għalhekk il-piena karċerarja kif imposta m'għandhiex tiġi varjata.

---

[8] u dan mingħajr l-applikazzjoni tal-artikolu 310(1) tal-Kodiċi Kriminali fejn hemmhekk il-piena tgħola skond il-kwantifikazzjoni tal-oġġett misappropjat iżda li ma jidhirx li ġie applikat f'dan il-każ peress illi dan il-kwantum ma kienx wieħed ċert.

[9] Deċiża nhar is-17 ta' Settembru 2008 mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

## *Deċide*

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell ta' Edward Spalding in parte billi billi filwaqt li tikkonferma s-sejbien ta' ħtija tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, kif ukoll il-piena t'erba' xhur priġunerija effettivi, tirrevoka s-sentenza appellata fil-bqija.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***